# Stqarrija għall-iStampa

Blata l-Bajda, 03/12/2012

## Servizzi ta' kwalita' għolja għall-SMEs permezz ta' clusters

*Il-konferenza finali dwar POOLING4CLUSTERS*


Għal aktar informazzjoni:

Mrs. Daniela Chetcuti
daniela.busuttil@gov.mt
+356 25992510

www.mita.gov.mt/p4c
www.pooling4clusters.eu


Wara 20 xahar ta' riċerka u analizi tas-servizzi offruti lill-clusters Ewropej, il-proġett Pooling4Clusters – li ħares lejn l-aqwa servizzi komuni għall-clusters – ippreżenta rapport bir-rakomandazzjonijiet finali tiegħu waqt sezzjoni speċjali tat-*8 Competitiveness Cluster Forum*. Din is-sezzjoni saret f'Sophia Antipolis fi Franza fit-23 ta' Novembru 2012. Il-proġett Pooling4Clusters huwa programm tal-Interreg IVC iffinanzjat mill-Fond Reġjonali Europew għall-Iżvilupp (ERDF) tal-Unjoni Ewropea.

Il-mira tal-proġett kienet it-tqassim tal-informazzjoni dwar l-aqwa użanzi (best practices) bejn is-seba' parteċipanti (inkluż Malta) u biex dawn l-użanzi jkunu analizzati bil-għan li mir-rakomandazzjonijiet tkun żvillupata politika biex titjib l-effettivita' tal-appoġġ li jingħata lill-clusters lokali. L-imsieħba f'dan il-proġett wettqu numru ta' studji fuq ħmistax –il użanza bil-għan li jkunu ddentifikati servizzi li jħallu valur akbar lill-clusters u jtejbu ċ-ċans li dawn ikunu trasferiti minn membru stat għall-ieħor. L-istudju wassal għal seba' pjanijiet regjonali/lokali – wieħed minn kull msieħeb.

Matul il-konferenza, kull msieħeb ippreżenta l-pjan ta' rakomandazzjonijiet rispettiv tiegħu. Ir-raprezentant mill-MITA fuq dan il-proġett qasmet l-esperjenzi u l-għarfien fuq il-kunċett ta' clusters li kisbet matul l-istudju tagħha ma' sitt setturi differenti mill-ekonomija lokali[1]. Il-pjan ta' rakomandazzjonijiet ta' Malta kien jinkludi:

- Il-ħolqien ta' qafas għall-clusters li jenfasizza sett ta' strumenti finanzjarji li jissaportjaw l-iżvillup ta' clusters u t-twaqqif ta' struttura ta' governanza li tgħaqad is-settur pubbliku ma' dak privat;
- L-eżekuzzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-iżvillup ta' clusters bi prijorità filwaqt li jkunu mfassla numru ta' politiki innovativi min-naħa tad-domanda, fejn l-industrija qiegħda tikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvillup ta' clusters;
- It-tisħiħ ta' edukazzjoni għall-innovazzjoni permezz ta' riformi fil-kurrikuli tax-xjenza, t-teknoloġija, l-matematika u suġetti relatati oħra fil-livell obbligatorju, u

[1] Settur tal-ICT, settur tal-plastik, settur tal-bioteknoloġija u s-saħħa, settur tal-farmaċewtika, settur tal-avjazzjoni, u s-settur għall-immaniġġjar tal-iskart

Għal aktar informazzjoni:

Mrs. Daniela Chetcuti
daniela.busuttil@gov.mt
+356 25992510

www.mita.gov.mt/p4c
www.pooling4clusters.eu

t-twaqqif ta' programmi edukattivi f'dixxiplini varji fuq livell vokazzjonali u terzjarju;

- Il-bidu ta' miżuri li jsaħħu l- intraprenditorija, negozji ġodda u t-trasferiment ta' riċerka;
- Il-ħolqien ta' pjattaforma fejn dawk interessati jkunu jistgħu jiltaqgħu u flimkien jibnu interess ikbar u wiesa' fuq clusters;
- Il-ħolqien ta' allejanzi bejn il-pubbliku u l-privat sabiex f'Malta jkun hawn aktar individwi b'ħiliet u għarfien fuq l-iżvillup u l-amministrazzjoni ta' clusters;
- Miżuri li jappoġġaw il-kollaborazjoni ta' clusters lokali ma' dawk Ewropej u internazzjonali.

L-eSkills Alliance u numru ta' kumpaniji privati mill-industrija jappoġġaw dawn ir-rakomandazzjonijiet.

Għal aktar informazzjoni dwar il-proġett Pooling4Cluster jew il-pjan ta' rakomandazzjonijiet lokali, żur www.mita.gov.mt/p4c